REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 829/2014

tat-30 ta' Lulju 2014

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) u (3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 ([2]) jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li s-sistemi tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll tagħhom għall-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(2) Bħalissa, ir-rikonoxximent tal-Isvizzera skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 japplika għal prodotti agrikoli li mhumiex ipproċessati u għal prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel, ħlief għall-ħmira. L-Isvizzera ressqet talba lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-ekwivalenza tagħha għall-ħmira organika wkoll. L-eżami tal-informazzjoni li tressaq ma' dik it-talba u l-kjarifiki sussegwenti pprovduti mill-Isvizzera wasslu għall-konklużjoni li f'dak il-pajjiż ir-regoli li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontrolli tal-ħmira organika huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ([3]). Minħabba f'hekk, ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza tas-sistemi tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll tal-Isvizzera, fir-rigward ta' prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel, għandu japplika wkoll għall-ħmira organika.

(3) Ir-rikonoxximent ta' New Zealand skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 attwalment japplika għal prodotti agrikoli li mhumiex ipproċessati u għal prodotti agrikoli pproċessati għall-użu bħala ikel, ħlief għall-inbid u l-ħmira. L-awtoritajiet ta' New Zealand ippreżentaw talba lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-ekwivalenza tagħha wkoll għall-inbid organiku. L-eżami tal-informazzjoni li tressaq ma' dik it-talba u kjarifiki sussegwenti pprovduti minn New Zealand wasslu għall-konklużjoni li f'dak il-pajjiż ir-regoli li jirregolaw il-produzzjoni u l-kontrolli tal-inbid organiku huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u fir-Regolament (KE) Nru 889/2008. Għaldaqstant, ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza tas-sistemi tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll ta' New Zealand, fir-rigward ta' prodotti pproċessati għall-użu bħala ikel, għandhom japplikaw anki għall-inbid organiku.

(4) Skont l-informazzjoni pprovduta minn New Zealand, inbidlu l-awtorità kompetenti, wieħed mill-korpi tal-kontroll u l-korp għall-ħruġ taċ-ċertifikati. Din il-bidla għandha titniżżel fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

(5) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jistabbilixxi lista tal-korpi tal-kontroll u tal-awtoritajiet tal-kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kontrolli u joħorġu ċ-ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-finijiet ta' ekwivalenza.

(6) Il-Kummissjoni eżaminat it-talbiet li waslu sal-31 ta' Ottubru 2013 għall-inklużjoni fil-lista stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Wara l-eżami tal-informazzjoni kollha mogħtija, il-korpi tal-kontroll u l-awtoritajiet tal-kontroll li jinstabu konformi mar-rekwiżiti rilevanti għandhom jitniżżlu f'dik il-lista.

([1]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

(7) "LibanCert" hu mniżżel fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Madankollu, dan la għarraf lill-Kummissjoni b'informazzjoni rilevanti relattiva għall-korp tal-akkreditazzjoni msemmi fit-tielet u fir-raba' subparagrafi tal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u lanqas b'xi bidliet fid-dossier tekniku tiegħu skont l-Artikolu 12(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Barra minn hekk, ir-rapport annwali li bagħat "LibanCert" fl-2013 juri li dan ma kienx jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Il-Kummissjoni stiednet lil "LibanCert" biex jiċċara dawn il-kwistjonijiet iżda sad-data tal-iskadenza ma weġibx. Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, "LibanCert" waqaf jopera. U għalhekk għandu jitneħħa mil-lista fl-Anness IV.

(8) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 355/2014 [1] fih żball b'rabta man-numru tal-kodiċi għal pajjiż terz għall-korp tal-kontroll "Abcert AG" li bi żball jirreferi għal "IMO Swiss AG" minflok għal "IMOswiss AG".

(9) Għalhekk, l-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għandhom jiġu emendati skont dan.

(10) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, id-dispożizzjonijiet ikkoreġuti dwar Abcert AG u IMOswiss AG għandhom japplikaw minn meta jidħol fis-seħħ ir-Regolament (UE) Nru 355/2014.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat regolatorju għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat u kkoreġut skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punti (1) u (5)(a) tal-Anness II għandhom japplikaw mit-12 ta' April 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 355/2014 tat-8 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 106, 9.4.2014, p. 15).

ANNESS I

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 hu emendat kif ġej:

(1) Fl-entrata dwar l-Isvizzera, il-punt 1 "Kategoriji tal-prodotti", ir-ringiela "Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel", titneħħa n-nota (2) f'qiegħ il-paġna.

(2) L-entrata dwar New Zealand hija emendata kif ġej:

(a) Fil-punt 1 "Kategoriji tal-prodotti", ir-ringiela "Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel", in-nota (2) f'qiegħ il-paġna tinbidel b'dan li ġej:

"(2) Ħmira mhux inkluża."

(b) Il-punt (4) jinbidel b'dan li ġej:

"4. **L-awtorità kompetenti:** Il-Ministeru għall-Industriji Primarji (MPI)

http://www.foodsafety.govt.nz/industry/sectors/organics/"

(c) Fil-punt 5, ir-ringiela ta' NZ-BIO-001 tinbidel b'dan li ġej:

"NZ-BIO-001	Il-Ministeru għall-Industriji Primarji (MPI)	http://www.foodsafety.govt.nz/industry/sectors/organics/"

(d) Il-punt (6) jinbidel b'dan li ġej:

"**Il-korpi għall-ħruġ taċ-ċertifikati:** Il-Ministeru għall-Industriji Primarji (MPI)"

ANNESS II

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 hu emendat u kkoreġut kif ġej:

(1) Fl-entrata dwar "**Abcert AG**", fil-punt 3, ir-ringiela dwar il-Moldova tinbidel b'dan li ġej:

"Il-Moldova	MD-BIO-137	x	—	—	—	—	—"

(2) L-entrata dwar "**CCPB Srl**" hi emendata kif ġej:

(a) Il-punt (3) jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
Iċ-Ċina	CN-BIO-102	x	—	—	x	—	—
L-Eġittu	EG-BIO-102	x	x	—	x	—	—
L-Iraq	IQ-BIO-102	x	—	—	—	—	—
Il-Libanu	LB-BIO-102	x	x	—	x	—	—
Il-Marokk	MA-BIO-102	x	—	—	x	—	—
Il-Filippini	PH-BIO-102	x	—	—	x	—	—
San Marino	SM-BIO-102	x	x	—	x	—	—
Is-Sirja	SY-BIO-102	x	—	—	—	—	—
It-Tuneżija	TN-BIO-102	—	x	—	—	—	—
It-Turkija	TR-BIO-102	x	x	—	x	—	—"

(b) Il-punt (4) jinbidel b'dan li ġej:

"4. Eċċezzjonijiet: il-prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, l-inbid u l-prodotti koperti bl-Anness III";

(3) Fl-entrata dwar "**Control Union Certifications**", il-punt 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
L-Afganistan	AF-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Albanija	AL-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Bermuda	BM-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Butan	BT-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Brażil	BR-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Burkina Faso	BF-BIO-149	x	x	x	x	x	x

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
Burma/il-Mjanmar	MM-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Kambodja	KH-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Kanada	CA-BIO-149	—	—	x	—	—	—
Iċ-Ċina	CN-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Kolombja	CO-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Kosta Rika	CR-BIO-149	—	x	x	—	x	—
Il-Côte d'Ivoire	CI-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Ir-Repubblika Dominikana	DO-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Ekwador	EC-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Eġittu	EG-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Etjopja	ET-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Gana	GH-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Ginea	GN-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Ħonduras	HN-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Ħong Kong	HK-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Indja	IN-BIO-149	—	x	x	x	x	—
L-Indoneżja	ID-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Iran	IR-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Iżrael	IL-BIO-149	—	x	x	—	x	—
Il-Ġappun	JP-BIO-149	—	x	x	—	x	—
Il-Korea t'Isfel	KR-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Kirgiżistan	KG-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Laos	LA-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	MK-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Malasja	MY-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Mali	ML-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Mawrizju	MU-BIO-149	x	x	x	x	x	x

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
Il-Messiku	MX-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Moldova	MD-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Możambik	MZ-BIO-149	x	x	x	x	x	x
In-Nepal	NP-BIO-149	x	x	x	x	x	x
In-Niġerja	NG-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Pakistan	PK-BIO-149	x	x	x	x	x	x
It-Territorju Okkupat mill-Palestinjani	PS-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Panama	PA-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Paragwaj	PY-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Perù	PE-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Filippini	PH-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Ir-Rwanda	RW-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Is-Serbja	RS-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Sjerra Leone	SL-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Singapor	SG-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Afrika t'Isfel	ZA-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Is-Sri Lanka	LK-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Isvizzera	CH-BIO-149	—	—	x	—	—	—
Is-Sirja	SY-BIO-149	x	x	x	x	x	x
It-Tanzanija	TZ-BIO-149	x	x	x	x	x	x
It-Tajlandja	TH-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Timor Leste	TL-BIO-149	x	x	x	x	x	x
It-Turkija	TR-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Uganda	UG-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Ukraina	UA-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Emirati Għarab Magħquda	AE-BIO-149	x	x	x	x	x	x
L-Istati Uniti	US-BIO-149	—	—	x	—	—	—
L-Urugwaj	UY-BIO-149	x	x	x	x	x	x

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
L-Uzbekistan	UZ-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Il-Vjetnam	VN-BIO-149	x	x	x	x	x	x
Iż-Żambja	ZN-BIO-149	x	x	x	x	x	x”

(4) Fl-entrata dwar “**IB**”dan li ġej:

“3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti konċernati:

Pajjiż terz	Numru tal-kodiċi	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
Il-Brażil	BR-BIO-122	x	x	x	x	x	—
Iċ-Ċina	CN-BIO-122	x	—	—	x	x	—
Il-Messiku	MX-BIO-122	—	x	—	x	—	—”

(5) L-entrata dwar “**IMO Swiss AG**” hi emendata kif ġej:

(a) L-isem “IMO Swiss AG” jinbidel bl-isem “IMOswiss AG”;

(b) Il-punt (4) jinbidel b’dan li ġej:

“4. Eċċezzjonijiet: il-prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u l-prodotti koperti bl-Anness III”;

(6) Titneħħa l-entrata dwar “**LibanCert**”.